

Brussell, 26 ta' Frar 2026
(OR. en)

6665/26

SOC 101
JEUN 28
EDUC 58
ECOFIN 244
ANTIDISCRIM 16
FREMP 67
COHOM 38

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Investment fit-tfal: It-tiżni tal-benesseri tat-tfal, l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal fl-Unjoni Ewropea - <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Presidenza ħejjiet abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "L-investment fit-tfal: It-tiżni tal-benesseri tat-tfal, l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal fl-Unjoni Ewropea".
2. Il-Konklużjonijiet ġew eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Soċjali fit-8 ta' Jannar, it-30 ta' Jannar u t-23 ta' Frar 2026.
3. Intlaħaq qbil fil-prinċipju dwar l-abbozz tat-test kif jinsab fl-Anness ta' din in-nota.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jibgħat l-abbozz ta' Konklużjonijiet fl-Anness ta' din in-nota lill-Kunsill EPSCO għall-approvazzjoni fis-sessjoni tiegħu tad-9 ta' Marzu 2026.

**L-investiment fit-tfal: it-tisħiħ tal-benesseri tat-tfal,
l-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal fl-Unjoni Ewropea**

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

FILWAQT LI JFAKKAR LI:

1. **Ir-rikonoxximent tal-benesseri tat-tfal bħala prijorità trażversali tal-UE jfisser investiment** sistematiku **fit-tfal u l-promozzjoni** tad-drittijiet tat-tfal, kif minqusa fl-Artikolu 24 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li tapplika għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE, u għall-Istati Membri biss meta jkunu qed jimplementaw id-dritt tal-UE — fl-azzjoni kollha tal-UE f'oqsma bħas-saħħa, l-inklużjoni soċjali, l-edukazzjoni u l-protezzjoni tat-tfal, f'konformità mal-kompetenzi tal-UE. Il-politiki soċjali, territorjali, edukattivi, ekonomiċi, diġitali, klimatiċi u ambjentali, fost oħrajn, jistgħu jtejbu b'mod sinifikanti l-ħajja u l-prospetti futuri tat-tfal u jipproduċu benefiċċji interġenerazzjonali għas-saħħa, il-benesseri, l-ekonomija, u fl-aħħar mill-aħħar is-soċjetajiet u d-demokraziji tagħna. Dan l-approċċ olistiku jqiegħed lil kull tifel u tifla fiċ-ċentru tal-aġenda għall-iżvilupp sostenibbli, inklużiva u li tħares 'il quddiem tal-Ewropa.
2. **Il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (UNCRC)**, li l-Istati Membri kollha tal-UE rratifikaw, tirrikonoxxi fl-Artikolu 27 tagħha d-dritt ta' kull tifel u tifla għal standard ta' għajxien adegwat għall-benesseri fiżiku, mentali, spiritwali, morali u soċjali tagħhom, u tkompli tiggwida l-azzjoni tal-UE biex tippromwovi u tħares il-benesseri tat-tfal f'diversi oqsma ta' politika. Dan l-impenn jestendi għall-Konvenzjoni tan-NU dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità li l-UE u l-Istati Membri tal-UE rratifikaw, u b'hekk jiżgura li t-tfal b'diżabilità jgawdu drittijiet u opportunitajiet indaqs.

3. **L-Unjoni Ewropea tkompli timplimenta l-Aġenda 2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha.** L-Aġenda tqiegħed il-prinċipji tal-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-qerda tal-faqar, u l-ħelsien mill-vjolenza u l-isfruttament tat-tfal, fil-qalba tal-isforzi tagħha biex tippromwovi l-benesseri għal kulħadd f'kull età, u biex tiżgura li kull tifel u tifla jikbru b'dinjità.
4. **Il-Prinċipju Nru 11 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi li t-tfal għandhom id-dritt għall-protezzjoni mill-faqar, u li t-tfal minn ambjenti żvantaġġati għandhom id-dritt għal miżuri speċifiċi li jsaħħu l-opportunitajiet indaqs.** Il-faqar spiss iċaħħad lit-tfal minn aċċess indaqs għal opportunitajiet edukattivi inklużivi, aċċess għal Edukazzjoni u Kura Bikrija tat-Tfal (ECEC), aċċess għas-servizzi tas-saħħa u dawk soċjali, ikel u akkomodazzjoni adegwati, appoġġ għall-familja, protezzjoni tat-tfal u aċċess għall-informazzjoni. It-tkissir taċ-ċiklu interġenerazzjonali ta' żvantaġġ u faqar huwa sfida fundamentali.
5. **Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** jistipula tliet miri ewlenin tal-UE milqugħin mill-Kunsill Ewropew, fosthom il-mira dwar it-tnaqqis tal-faqar: mill-2030, l-għadd ta' persuni fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali għandu jitnaqqas b'mill-inqas 15-il miljun, meta mqabbel mal-livelli tal-2019. Il-Pjan ta' Azzjoni jistabbilixxi wkoll objettiv, li mill-inqas ħames miljuni mit-tnaqqis għandu jikkonċerna t-tfal. Biex jikkontribwixxu għal din il-mira għall-UE kollha, l-Istati Membri kollha stabbilew miri nazzjonali dwar it-tnaqqis tal-faqar. 21 Stat Membru stabbilew ukoll miri komplementari dwar it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal. Huwa meħtieġ aktar progress biex jintlaħaq l-objettiv tal-UE għall-2030 b'rabta mal-faqar fost it-tfal peress li l-għadd ta' tfal friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali żdied bi ftit fl-2024, meta mqabbel mal-2019.

6. **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal għandha l-għan li tipprevjeni u tigġielel kontra l-esklużjoni soċjali fost it-tfal fil-bżonn** u tkisser iċ-ċiklu tat-trażmissjoni tal-faqar. Huwa jirrakkomanda li l-Istati Membri jiggarantixxu, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali, li t-tfal fil-bżonn¹ jingħataw aċċess effettiv u minghajn ħlas għal ECEC, edukazzjoni u attivitajiet ibbażati fl-iskola li jkunu ta' kwalità għolja, għall-kura tas-saħħa, mill-inqas ikla waħda tajba għas-saħħa kull jum ta' skola, u aċċess effettiv għal nutrizzjoni tajba għas-saħħa u akkomodazzjoni adegwata.
7. **L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal adottata mill-Kummissjoni** għandha l-għan li tiżgura li d-drittijiet tat-tfal jitħarsu u jiġu promossi fil-politiki kollha tal-UE u daww nazzjonali. Tiffoka, fost oħrajn, fuq id-drittijiet għall-protezzjoni, il-parteċipazzjoni u l-benesseri tat-tfal kollha u l-iżgurar tal-aċċess għas-servizzi bażiċi għat-tfal, minghajn ebda diskriminazzjoni. Bl-inkorporazzjoni ta' perspettiva tad-drittijiet tat-tfal filwaqt li jitqiesu l-aħjar interessi tat-tfal fl-azzjonijiet kollha tal-UE, inkluż f'livell dinji, din tiffoka b'mod partikolari fuq il-parteċipazzjoni sinifikattiva, adatta għall-età u għall-istadju tal-iżvilupp, tat-tfal fit-tfassil ta' politiki li jħallu impatt fuq ħajjithom, it-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal, il-promozzjoni tal-opportunitajiet indaqs, il-ħarsien tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza², it-trawwim ta' ġustizzja adattata għat-tfal u l-protezzjoni u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tagħhom fis-soċjetà diġitali. Ir-rikonoxximent tal-benesseri tat-tfal jirrikjedi wkoll il-ħarsien tat-tfal mill-kunflitti li għaddejjin u l-konsegwenzi tagħhom, li jaffettwaw mhux biss lil daww involuti direttament iżda wkoll lil daww li jaraw dawn il-ġrajjet u jħossu l-biża' u l-inċertezza dwar il-ġejjieni.

¹ Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal titlob lill-Istati Membri jidentifikaw it-tfal fil-bżonn, filwaqt li jqisu l-iżvantaġġi speċifiċi li jesperjenzaw, b'mod partikolari: (a) tfal minghajn dar jew tfal li jesperjenzaw privazzjoni ta' akkomodazzjoni severa; (b) tfal b'diżabilità; (c) tfal bi problemi ta' saħħa mentali; (d) tfal li ġejjin minn ambjent ta' migrazzjoni jew ta' oriġini ta' minoranza etnika, b'mod partikolari r-Rom; (e) tfal f'kura alternattiva, speċjalment dik istituzzjonali; (f) tfal f'sitwazzjonijiet tal-familja prekarji.

² Kif spjegat aktar fid-dettall fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal (April 2024).

8. **Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barcellona għall-2030** tipprovdi miri dwar ir-rati ta' parteċipazzjoni tat-tfal fl-ECEC li għandhom jintlaħqu sal-2030, waqt li tirrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex jiżguraw ECEC aċċessibbli, inklużivi, affordabbli u ta' kwalità għolja, jieħdu l-passi meħtieġa biex ineħħu d-diskrepanza fil-parteċipazzjoni fl-ECEC bejn tfal friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali u l-popolazzjoni ġenerali tat-tfal. Ir-Rakkomandazzjoni tfakkar ukoll fl-importanza ta' disponibbiltà ta' indukrar tat-tfal li tkun kompatibbli mal-benesseri u l-iżvilupp tat-tfal u tippermetti liż-żewġ ġenituri jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol, u li fost affarijiet oħra tkopri l-perjodu bejn tmiem il-liv tal-ġenituri mħallas jew ikkumpensat b'mod adegwat u d-dritt legali għall-ECEC, u b'hekk tikkontribwixxi għat-tnaqqis tad-differenza fil-pagi bejn il-ġeneri, u tappoġġa l-familji b'ġenitur wieħed.
9. **Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2022 dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal** li jfittxu li tittejjeb il-protezzjoni tat-tfal u jitħarsu d-drittijiet tat-tfal kollha. Fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2022 dwar il-Perkorsi għas-Suċċess fl-Iskola, li għandha l-għan li tippromwovi eżiti edukattivi aħjar u aktar ekwi, billi tnaqqas it-tluq bikri mill-iskola, iżżid is-suċċess akkademiku u tippromwovi l-benesseri fl-iskejjel.
10. **Fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2025 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolexxenti fl-era diġitali**, li jappellaw lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jipproteġu aħjar is-saħħa mentali u fiżika tat-tfal u l-adolexxenti billi jippromwovu l-użu sikur u tajjeb għas-saħħa tal-għodod diġitali u billi joħlqu ambjent diġitali aktar b'saħħtu, aktar sikur u adatt għall-età.

FILWAQT LI JAGĦRAF LI:

11. **Fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-2025**, il-President von der Leyen issottolinjat il-ħtieġa urġenti għal Strateġija Ewropea ambizzjuża Kontra l-Faqar, li tistabbilixxi pjan biex tgħin fil-qerda tal-faqar sal-2050, imsaħħa minn Garanzija Ewropea għat-Tfal b'saħħitha biex tħares lit-tfal mill-faqar.
12. **L-Istrateġija futura tal-UE Kontra l-Faqar hija mistennija li tieħu approċċ olistiku** u sservi bħala strument ewlieni biex jinkiser iċ-ċiklu tal-faqar u l-esklużjoni soċjali u biex tiġi appoġġata l-kisba tal-mira ewlenija tal-Unjoni għall-2030, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipju tas-sussidjarjetà u d-diversità tas-sistemi u l-approċċi nazzjonali biex tintlaħaq din il-mira, kif ukoll l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li tgħin fil-qerda tal-faqar sal-2050. Din l-Istrateġija, flimkien mat-tisħiħ tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal, għandha taqdi rwol importanti fil-promozzjoni tal-benesseri tat-tfal, filwaqt li tindirizza wkoll l-għeruw tal-faqar fost it-tfal b'approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja, tagħraf in-natura multidimensjonali tal-faqar u l-esklużjoni soċjali, issaħħaħ l-inklużjoni soċjali, u tagħmel avvanz fl-impenn tal-Unjoni għall-ugwaljanza u l-ġustizzja soċjali, filwaqt li tirrikonoxxi li l-faqar fost it-tfal jirrikjedi rispons immirat u speċifiku għat-tfal lil hinn minn miżuri ġenerali kontra l-faqar.
13. **Filwaqt li sar progress fl-implimentazzjoni tal-politiki biex jissaħħu l-opportunitajiet indaqs tat-tfal mill-adozzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal fl-2021 'il quddiem**, b'riformi speċjalment fl-oqsma tal-ECEC, u l-forniment ta' ikliet fl-iskejjel, għadhom meħtieġa aktar sforzi biex jiġu appoġġati t-tfal kollha, u b'mod partikolari dawk fil-bżonn.
14. L-ECEC hija l-ewwel stadju tas-sistema edukattiva. Hija kritika biex jitqiegħdu l-pedamenti għat-tagħlim tul il-ħajja, is-suċċess edukattiv u l-inklużjoni soċjali, u biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-inugwaljanzi. Huma meħtieġa sforzi msaħħa, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, biex jittejbu l-kwalità, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tal-ECEC għat-tfal kollha, b'mod partikolari dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.

15. **Il-faqar**, fost fatturi oħra, jista' jaggrava fatturi bħan-negliġenza, il-vjolenza, l-esklużjoni soċjali, is-saħħa fiżika u mentali, l-aċċess għas-servizzi u l-aċċess limitat għall-mekkaniżmi ta' protezzjoni u appoġġ.
16. **Hemm possibbiltà akbar li t-tfal li jgħixu fil-faqar jiffaċċjaw ostakli biex jaċċessaw servizzi essenzjali għall-benesseri tagħhom**, fosthom l-ECEC, kif ukoll l-iżvilupp bikri tal-ħiliet tat-tfal, l-edukazzjoni u t-taħriġ inklużivi, l-informazzjoni, l-attivitajiet ibbażati fl-iskola, il-kura tas-saħħa aċċessibbli inkluż is-saħħa mentali, innutrizzjoni tajba għas-saħħa, l-attività fiżika u l-akkomodazzjoni adegwata u l-attivitajiet ekstrakurrikulari jew ta' rikreazzjoni. Dawn l-ostakli jistgħu jimmanifestaw ruħhom b'mod differenti għall-bniet u għas-subien, skont iċ-ċirkostanzi individwali, l-età u l-ambjent ta' għajxien tagħhom u spiss jiġu aggravati minn differenzi reġjonali, speċjalment lakuni fid-disponibbiltà tas-servizzi, fl-aċċess, u fil-kwalità bejn iż-żoni urbani u rurali. Il-bidu tal-ħajja fi żvantaġġ għandu implikazzjonijiet fit-tul għall-iżvilupp u għall-prospetti futuri tagħhom. It-trażmissjoni tal-iżvantaġġi mit-tfulija għall-ħajja adulta tiġġenera spiża għas-soċjetà. Bħala medja fl-UE, huwa stmat li dan jammonta għal telf ta' 3.4 % tal-PDG kull sena³. L-indirizzar tal-iżvantaġġi minn età bikrija huwa investiment kosteffettiv, li jikkontribwixxi mhux biss għall-inklużjoni, l-iżvilupp konjittiv u l-benesseri tat-tfal, l-eżiti soċjoekonomiċi aħjar tagħhom u l-mobbiltà soċjali meta jkunu adulti, iżda wkoll għall-ekonomija u s-soċjetà kollha kemm hi.

³ OECD, [The economic costs of childhood socio-economic disadvantage in European OECD countries \(EN\)](#).

17. Il-benesseri tal-familja joffri stabbiltà u appoġġ lit-tfal, u jqiegħed il-pedament għat-tkabbir personali. Il-familji huma kruċjali għat-trawwim tar-reżiljenza u biex jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet li jolqtu kemm lit-tfal kif ukoll lill-adulti. Huma jaqdu rwol kritiku fl-iżvilupp ta' strateġiji biex persuna tkampa u fl-appoġġ ta' żvilupp f'saħħtu tat-tfal, li għandhom jiġu indirizzati minn kmieni, b'attenzjoni partikolari għall-istadji bikrija tat-tfulija. Għat-tfal friskju, is-separazzjoni mill-familja għandha titqies biss bħala l-aħħar alternattiva, meta sservi l-aħjar interess tat-tfal, wara l-ġħoti ta' appoġġ xieraq. Approċċ orizzontali għall-protezzjoni tat-tfal jeħtieġ id-disponibbiltà ta' kura xierqa bbażata fil-familja u bbażata fil-komunità, filwaqt li jiżgura li ambjenti ta' kura alternattiva jipprovdu stabbiltà, kontinwità u salvagwardji għall-benesseri tat-tfal.

Barra minn hekk, politiki effettivi kontra l-faqar għandhom jadottaw approċċ olistiku u multidixxiplinari għall-ħtiġijiet tal-familji, filwaqt li jagħrfu l-persjonijiet simultanji b'rabta maż-żmien, il-kura, l-introjtu u l-impjieġ li spiss joħolqu diffikultajiet għall-istabbiltà u l-benesseri tal-familji b'introjtu baxx, filwaqt li jqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-familji b'ġenitur wieħed, li jiffaċċjaw riskju ogħla ta' faqar. Dawn id-diffikultajiet ikomplu jaggravaw minħabba bidliet demografiċi u t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, differenzi persistenti bejn il-ġeneri fl-introjtu u fl-opportunitajiet ta' karriera, kif ukoll is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u tal-pensjonijiet. Politiki li jappoġġaw lill-familji fl-adattament għal swieq tax-xogħol li qed jinbidlu, domandi ġodda għall-ħiliet, u responsabbiltajiet ta' kura li qed jevolvu, jikkontribwixxu għall-ħarsien tal-benesseri u l-opportunitajiet indaqs tat-tfal.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX, skont il-kompetenzi tagħhom u filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi nazzjonali:

18. **Jippromwovu l-benesseri tat-tfal billi jsaħħu r-reżiljenza ekonomika.** Kif enfasizzat fir-Rapport ta' Draghi dwar il-Kompetittività tal-UE, is-saħħa u l-prosperità fit-tul tal-Ewropa jiddependu fuq l-inklużjoni u l-ġustizzja fost affarijiet oħra. Għalhekk, l-investiment fit-tfal mhuwix biss obbligu soċjali, iżda wkoll investiment strateġiku fil-kompetittività, l-istabbiltà u l-koeżjoni futuri tal-Ewropa.
19. **Jaċċelleraw il-progress lejn il-mira tal-UE għat-tnaqqis tal-faqar sal-2030,** u, fejn rilevanti, l-oġettiv tat-tnaqqis tal-faqar fost it-tfal, filwaqt li jqisu l-importanza tal-aċċess għal servizzi essenzjali, affordabbli, inklużivi u ta' kwalità għolja, il-parteeċipazzjoni bbilanċjata bejn il-ġeneri tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol u l-appoġġ għall-introjt u l-assistenza soċjali bħala komponenti ewlenin ta' politiki attivi ta' inklużjoni biex jiġi indirizzat ir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali.
20. **Isaħħu l-implimentazzjoni,** skont l-isfidi nazzjonali, **tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal** li ttipprovdi qafas ta' politika ta' appoġġ għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal u ssaħħa l-opportunitajiet indaqs għall-benesseri tat-tfal fil-bżonn u l-familji tagħhom. Għandha ssir enfasi qawwija fuq l-għeluq tal-lakuni li fadal, f'konformità mal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali u r-rapporti ta' progress nazzjonali, permezz ta' investimenti u riformi xierqa. L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, itejbu s-sinerġiji mal-istrumenti tal-UE inkluż l-użu tal-Fondi tal-UE u jippromwovu kopertura territorjali aktar bilanċjata fil-provvediment ta' servizzi multidimensjonali għat-tfal.

21. **Ikomplu l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat** u b'hekk jiżguraw inklużjoni attiva. Din tikkostitwixxi qafas li għandu l-għan li jiżgura li jkun hemm fis-seħħ xbieki ta' sikurezza soċjali robusti biex tiġi żgurata ħajja dinjituża billi jingħata appoġġ adegwat għall-introjtu u benefiċċji in natura filwaqt li jitħarsu l-inċentivi għall-integrazzjoni (mill-ġdid) u ż-żamma fis-suq tax-xogħol għal dawk li jistgħu jaħdmu.
22. **Itejbu l-ambjenti u l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-familji u tat-tfal u jitrawmu komunitajiet inklużivi** mibnija fuq il-koeżjoni soċjali, interazzjonijiet sinifikanti, u opportunitajiet indaqs. **L-Istati Membri huma mħeġġa** jappoġġaw li kemm spazji fuq ġewwa kif ukoll fuq barra jkun jistgħu jiffasslu biex jippromwovu opportunitajiet għal kull tifel u tifla, inkluż tal-fsitwazzjonijiet vulnerabbli, biex jirnexxu u jilhqqu l-potenzjal sħiħ tagħhom, filwaqt li jikkontribwixxu għal soċjetà inklużiva, ġusta, reżiljenti u demokratika.
23. **Jgħammru lit-tfal madwar l-UE bil-ħiliet**, b'mod partikolari l-ħiliet bażiċi u diġitali, li jeħtieġu biex jirnexxu fil-ħajja edukattiva, personali u professjonali tagħhom.
24. **Isaħħu l-parteċipazzjoni attiva tat-tfal fit-tfassil tal-politika dwar kwistjonijiet li jaffettwaw ħajjithom**, permezz ta' għodod bħall-Pjattaforma tal-UE għall-Parteċipazzjoni tat-Tfal jew kwalunkwe mekkaniżmu strutturat ieħor adattat għall-età li jippermetti parteċipazzjoni sikura, inklużiva, aċċessibbli u sinifikanti ta' tfal minn sfondi soċjoekonomiċi u sitwazzjonijiet differenti, fit-teħid tad-deċiżjonijiet, inkluż dawk f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Dawn il-mekkaniżmi ser jiżguraw li l-fehmiet tat-tfal isawru u jimmonitorjaw politiki li jippromwovu l-benesseri u l-opportunitajiet indaqs tagħhom madwar l-Unjoni.

25. **Jiżguraw approċċ integrat għall-benesseri tat-tfal fl-oqsma ta' politika rilevanti kollha u fil-livelli kollha ta' governanza**, b'enfasi speċifika fuq it-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u l-familji tagħhom. Dan jinkludi sforzi biex jiġi integrat il-benesseri tat-tfal kollha⁴ fit-tfassil tal-politika u tiġi promossa koordinazzjoni aktar b'saħħha bejn il-politiki, il-programmi, is-servizzi⁵ u miżuri oħra ta' appoġġ f'setturi differenti. Il-benesseri u l-iżvilupp tat-tfal għandhom jinkludu wkoll l-aċċess għal attivitajiet sportivi, kulturali u ta' divertiment. L-approċċ integrat jista' jinkiseb billi tissaħħaħ il-governanza tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal u jiġu appoġġati l-koordinaturi nazzjonali tal-Garanzija għat-Tfal b'riżorsi u mandati adegwati li jippermettu l-implimentazzjoni effettiva ta' politiki integrati, jiġu promossi mekkaniżmi ta' governanza integrati li jsaħħu s-sinerġiji fost il-partijiet ikkonċernati mingħajr ma jinħolqu rekwiżiti addizzjonali ta' rapportar jew monitoraġġ, f'konformità mal-ħtieġa għal simplifikazzjoni. Għandha tingħata attenzjoni wkoll lit-tisħiħ tas-sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal biex jiġu evitati u miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza⁶.
26. **Jiffinanzjaw b'mod adegwat politiki li jappoġġaw il-benesseri tat-tfal u tal-familji tagħhom, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli, inkluż billi jisfruttaw l-opportunitajiet offruti mill-finanzjament tal-UE**. L-Istati Membri għandhom jallokaw ammonti adegwati, f'konformità maċ-ċirkostanzi nazzjonali, għall-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali fost it-tfal. L-iżgurar li jibqgħu ffukati biżżejjed attenzjoni u riżorsi fuq il-benesseri tat-tfal huwa essenzjali biex jinżamm u jissaħħaħ il-mudell soċjali tal-Ewropa.

⁴ Mingħajr ebda diskriminazzjoni tat-tfal jew tal-ġenituri jew tal-kustodji legali tagħhom, abbażi ta' kwalunkwe raġuni bħas-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprietà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali.

⁵ Pjattaformi, bħal URBACT, il-Pjattaforma tal-Patt Rurali, l-Inizjattiva Urbana Ewropea u s-Sħubijiet Tematiċi tal-Aġenda Urbana għall-UE, u dawk fl-Aġenda tal-UE għall-Bliet jistgħu jsaħħu t-tagħlim reċiproku dwar il-politiki tal-benesseri tat-tfal fost l-awtoritajiet lokali.

⁶ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal (April 2024).

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI EWROPEA:

27. **Issaħħaħ l-appoġġ lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra l-faqar fost it-tfal u l-esklużjoni soċjali, u fl-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal**, fosthom billi tappoġġa l-finanzjament ta' proġetti li jindirizzaw il-faqar fost it-tfal u billi tippromwovi aktar it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajba, f'kooperazzjoni mal-koordinaturi tal-Garanzija għat-Tfal, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati oħra, filwaqt li tqis l-ispeċifikitajiet ta' ċerti reġjuni biex jissaħħaħ il-benesseri tat-tfal fil-bżonn. F'konformità mal-Qafas ta' Kwalità tal-UE għall-ECEC u l-miri ta' Barċellona, tkompli tappoġġa lill-Istati Membri fl-investiment f'servizzi tal-ECEC aċċessibbli, inklużivi, affordabbli u ta' kwalità għolja, b'enfasi partikolari fuq it-tfal f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.
28. **Tkompli tappoġġa lill-Istati Membri, inkluż permezz tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali**, fit-titjib tal-kwalità u d-disponibbiltà tad-data, inkluż permezz tal-ġbir u l-użu ta' data diżaggregata skont is-sess, l-età u fatturi rilevanti oħra, sabiex jiġu identifikati aħjar l-inugwaljanzi u jiġi appoġġat it-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza, jiġi mmonitorjat il-benesseri tat-tfal u l-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal. Tesplora modi biex issaħħaħ l-evalwazzjoni tal-effetti fit-tul tar-riformi u l-investimenti relatati mat-tfal, biex jiġi żgurat li kull tifel u tifla jkollhom opportunitajiet indaqs biex jirnexxu u jilhqqu l-potenzjal sħiħ tagħhom.

29. **Tippromwovi inizjattivi u azzjonijiet li jsaħħu ambjent diġitali sikur, inklużiv, aċċessibbli, adattat għall-età u li jsaħħaħ il-pożizzjoni tat-tfal kollha**, f'konformità mal-prinċipji tal-benesseri tat-tfal online u l-ġlieda kontra d-distakk diġitali, inkluż billi l-iskejjel jiġu involuti fil-promozzjoni ta' sensibilizzazzjoni akbar fl-użu tat-teknoloġija. Tenfasizza l-importanza li jiġu żgurati s-sikurezza online, il-protezzjoni tat-tfal mill-vjolenza online, l-isfruttament, kif ukoll il-kontenut illegali u ta' ħsara, filwaqt li jitrawmu wkoll il-litteriżmu diġitali u medjatiku tagħhom, ir-reżiljenza, l-użu xieraq tal-intelliġenza artifiċjali, u l-parteċipazzjoni permezz ta' edukazzjoni diġitali xierqa għall-età u l-maturità tagħhom. B'mod partikolari, tagħti attenzjoni lill-vjolenza online abbażi tal-ġeneru, b'rikonoxximent li l-bniet huma affettwati b'mod sproporzjonat, filwaqt li tagħraf ukoll li s-subien jistgħu wkoll jkunu esposti għal kontenut online ta' ħsara. Tinkoraġġixxi l-implimentazzjoni ta' miżuri komprensivi tal-UE, tippromwovi s-sensibilizzazzjoni, l-edukazzjoni fost it-tfal, l-adolesxenti, il-ġenituri u l-professjonisti, u l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti fosthom l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, biex jiġi żgurat li t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali tappoġġa d-drittijiet, is-sikurezza, il-benesseri u l-iżvilupp sħiħ tat-tfal kemm fid-dinja online kif ukoll f'dik offline.
30. **F'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, tiżviluppa approċċ komprensiv dwar kif taġixxi f'emerġenzi**, filwaqt li tiggarantixxi li r-risponsi ta' emerġenza jkunu sensittivi għat-tfal, u tiżgura li l-miżuri kollha jiġu adattati għall-ħtiġijiet speċifiċi tat-tfal kollha u tissalvagwarda l-aħjar interessi tagħhom. Dan għandu jkopri t-tipi kollha ta' kriżijiet, fosthom diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem, emerġenzi tas-saħħa, kunflitti armati, it-tibdil fil-klima, u sitwazzjonijiet umanitarji, u tiżgura l-kontinwità tal-aċċess għal servizzi essenzjali, inkluż il-protezzjoni tat-tfal, il-protezzjoni kontra l-vjolenza, inkluż il-vjolenza abbażi tal-ġeneru, il-proċeduri ta' evakwazzjoni sikura u ta' riunifikazzjoni tal-familja, il-komunikazzjoni tar-riskju sensittiva għat-tfal, u miżuri għal twissija bikrija u koordinazzjoni, u b'hekk jissaħħaħ l-impenn tal-Unjoni li tiddefendi d-drittijiet u l-benesseri tat-tfal fiċ-ċirkostanzi kollha.

Referenzi

1. UE interistituzzjonali

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali

2. Leġiżlazzjoni tal-UE

Id-Direttiva 2011/93/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija

Id-Direttiva (UE) 2024/1385 dwar il-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika

3. Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Diċembru 2022 dwar l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal: il-miri ta' Barċellona għall-2030

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2022)

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-aġendi tal-politika Ewropej u internazzjonali dwar it-tfal, iż-żgħażaġh u d-drittijiet tat-Tfal (2024)

Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-27 ta' Mejju 2025 dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa mentali tat-tfal u l-adolesxenti fl-era diġitali

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2022 dwar il-Perkorsi għas-suċċess fl-iskola

Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2025 dwar prattiki inklużivi u ċċentrati fuq l-istudent fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal u l-edukazzjoni skolastika

4. Parlament Ewropew

Ir-Risoluzzjoni: "It-tfal jiġu l-ewwel - insaħħu l-Garanzija għat-Tfal, sentejn wara l-adozzjoni tagħha", (2023)

5. Kummissjoni Ewropea

Strateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal (2021)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar L-investiment fit-tfal: niksru ċ-ċiklu tal-iżvantaġġ (2013)

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi integrati għall-protezzjoni tat-tfal fl-aħjar interessi tat-tfal (2024)

Żviluppi fl-Impjiegi u Soċjali fl-Ewropa (2025)

Strateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza għall-prevenzjoni u r-reazzjoni għal theddid u kriżijiet emerġenti (2025)

6. Eurostat

Children at risk of poverty or social exclusion

https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Children_at_risk_of_poverty_or_social_exclusion

7. [Il-Kumitat tar-Reġjuni

Il-benesseri tat-tfal u l-benefiċċji tat-tfal – l-immappjar tas-sistemi tal-benefiċċji tat-tfal fl-Istati Membri tal-UE]⁷

8. Eurofound

Ix-xogħol għat-tfal huwa importanti: Ħarsa ġenerali lejn it-twassil tas-servizz u l-forza tax-xogħol fl-Ewropa, (2025)

9. Nazzjonijiet Uniti

Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989)

Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (2006)

Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli (2015)

Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) (2015)

The State of the World's Children, Ending child poverty: Our shared imperative, UNICEF (2025)

⁷ Il-Kumitat tar-Reġjuni huwa mistenni jadotta l-Opinjoni tiegħu fil-5 ta' Marzu 2026.

10. Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD)

[Doing Better for Children](#) (2009)

[The economic costs of childhood socio-economic disadvantage in European OECD countries \(2022\)](#)

[Treating all children equally?](#) (2020)

11. Artiklu akkademiku

Clair, A. (2019). [Housing: an under-explored influence on children's well-being and becoming](#). *Child Indicators Research, Volume 12*, paġni 609-626.

12. Oħrajn

Eurochild

Eurochild 2025 flagship report on children in need across Europe: Unequal Childhoods: Rights on paper should be rights in practice

[Unequal-Childhoods-Rights-on-paper-should-be-rights-in-practice.pdf](#)

CHILDREN FIRST

Osservatorju pilota www.childrenfirstcy.com

The [families in households typology](#): searching for families in social surveys (2025)

COFACE

[Roadmap for boosting the rights and resilience of European families \(2025\) rEUsilience](#)

[Child Compass 2030: Shaping a healthy society, environment and economy fit for children, COFACE Families Europe](#)

[Paving the way for a disability-inclusive Child Guarantee, COFACE Families Europe](#)

[Report of the European Observatory on Family Policy: Towards greater family policy integration across Europe, COFACE Families Europe \(2023\)](#)

[Key findings: the role of prevention systems for implementing the European Child Guarantee, COFACE Families Europe \(2024\)](#)

[Factsheet on Childcare gap in the European Union |COFACE Families Europe](#)

Save the Children

[Child Poverty: The Cost Europe Cannot Afford \(2025\)](#)

[Fighting Child Poverty in Europe: A call to action for EU policymakers \(2024\)](#)

[Investing in Childhood: Charting a path to end child poverty across Europe \(2024\)](#)

[Guaranteeing Children's Future: How COVID-19, cost-of-living and climate crises affect children in poverty and what governments in Europe need to do \(2023\)](#)
